MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Diċembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 19/2021 LM

**Joseph Muscat (K.I. 714958M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143); Pyramid Enterprises Limited (C 9745) u Costantino Axisa (K.I. 238438M)**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Joseph Muscat (K.I. 714958M)** [hawnhekk 'l-appellant'], mil-lodo arbitrali tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tad-9 ta' Frar, 2021 [minn issa 'l quddiem 'il-lodo appellat'], li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda li r-rikorrent Joseph Muscat huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali li

seħħ fit-22 ta' Frar, 2019, u dan minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu; ċaħad it-talbiet kollha tar-rikorrent; u laqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati **GasanMamo Insurance Limited (C 3143); Pyramid Enterprises Limited (C 9745)** u **Costantino Axisa (K.I. 238438M)** [hawnhekk 'l-appellati'], filwaqt li ddikjara li l-ispejjeż kollha tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu mir-rikorrent.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tat-talba tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent għamel riferiment għall-inċident awtomobilistiku li ġara fi Triq Ras il-Bajjada, fl-inħawi tal-Munxar, Għawdex fit-22 ta' Frar, 2019 waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Suzuki Samurai, meta seħħet ħabta ma' vettura tal-kiri tal-għamla Hyundai assigurata mas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited u proprjetà tas-soċjetà Pyramid Enterprises Limited, misjuqa minn ċertu Jan Schubert, persuna ta' nazzjonalità Ġermaniża. Ir-rikorrent spjega li konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vettura tiegħu sfat maqluba fuq ġenb, u għalhekk ġarrbet ħsarat kbar. Ir-rikorrent qiegħed jitlob il-ħlas tas-somma ta' erbat elef u ħames mitt Euro (€4,500) rappreżentanti danni u spejjeż inkorsi minnu b'konsegwenza tal-inċident.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent spjega li huwa kien tiela' min-naħa tax-xellug ta' Triq Ras il-Bajjada, fl-inħawi tal-Munxar, Għawdex, u quddiemu seta' jara l-vettura misjuqa minn Jan Schubert, li kellu persuna oħra riekba miegħu. Qal li f'ħin minnhom

huwa seta' jara lil Jan Schubert jammira l-pajsaġġ mal-ġenb tat-triq, u kien għalhekk li meta laħaq il-vettura misjuqa mill-intimat, huwa daqq il-ħorn sabiex jattiralu l-attenzjoni li kien ser jagħmel manuvra ta' sorpass. Qal li kien dak il-ħin li Schubert resaq lejn il-lemin tat-triq, bir-riżultat li huwa safa mbuttat għal fuq rampa u l-vettura tiegħu inqalbet għal fuq ix-xellug tat-triq. Ir-rikorrent spjega li huwa nkorra diversi spejjeż, fosthom għax-xiri tal-*parts* tal-vettura, għal xogħol ta' tiswija li sar fuq il-vettura misjuqa minnu, kif ukoll diversi spejjeż legali li kellu jħallas.

4. L-intimati fir-risposta tagħhom wieġbu li l-inċident in kwistjoni seħħ mingħajr ebda ħtija jew nuqqas tal-assigurat tagħhom, iżda unikament bi traskuraġni, negliġenza, imperizja jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tar-rikorrent. Barra minn hekk l-intimati eċċepew li huma mhumiex leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri, u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, stante li l-azzjoni odjerna hija waħda personali u għalhekk għandha tiġi indirizzata kontra min ikkaġuna d-dannu u mhux kontra l-intimati odjerni. Qalu li huwa għalhekk li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda, u li huwa r-rikorrent li għandu jwieġeb għall-inċident u għad-danni sofferti.

5. Ir-rikorrent **Joseph Muscat** xehed quddiem it-Tribunal li fil-ħin tal-inċident huwa kien għaddej man-naħa tax-xellug tat-triq, u dak il-ħin kien qiegħed isuq b'veloċità baxxa ferm, ta' madwar għoxrin (20) kilometru fis-siegħa. Qal li s-sewwieq fil-vettura li kien hemm quddiemu kien għaddej b'veloċità baxxa aktar minn hekk, u dan inħasad meta huwa daqq il-ħorn, bir-

riżultat li x-xufier tal-vettura kiser fuq il-lemin tat-triq. Konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vettura misjuqa mir-rikorrent spiċċat maqluba fuq ġenb.

6. **Jan Schubert**, is-sewwieq tal-vettura l-oħra involuta f'dan l-inċident stradali, xehed li fil-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed isuq mid-direzzjoni tax-Xlendi lejn il-port tal-Imġarr. Qal li dak il-ħin quddiemu kien hemm vettura qiegħda tinstaq bil-mod, filwaqt li warajh kien hemm vettura oħra, dik misjuqa mir-rikorrent, li bdiet tissikka miegħu. Qal li dak il-ħin huwa kien qiegħed javviċina liwja u għalhekk ma setax jaqbad u jissorpassa l-vettura li kellu quddiemu, partikolarment għaliex it-triq bdiet tidjieq f'partijiet minnha. Qal li hekk kif kien kważi qabeż il-liwja, huwa resaq lejn il-lemin sabiex ikun jista' jara jekk kienx ġej traffiku mid-direzzjoni opposta, iżda baqa' jsuq fil-karreġġjata tiegħu. Kompla jgħid li dak il-ħin is-sewwieq ta' warajh kien diġà beda l-manuvra ta' sorpass, kemm tiegħu kif ukoll tal-vettura l-oħra li kienet quddiemu, u għalhekk dan ma setax jara jekk kienx hemm xi ostakolu fit-triq. Kompla jgħid li minħabba li dik il-parti tat-triq kienet dejqa, is-sewwieq tal-*jeep* kellu jinvadi l-karreġġjata tiegħu fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, b'tali mod li ma setax jevita li jmissu. Kompla jgħid li hekk kif seħħ l-impatt, ir-rikorrent ipprova jikser lejn il-lemin tat-triq, u kien hemmhekk li dan daħal f'ħajt, bir-riżultat li l-vettura misjuqa minnu għelbet fuq ix-xellug. Ix-xhud qal li filwaqt li l-vettura li kienet għaddejja quddiemu kienet qiegħda tinstaq b'veloċità ta' madwar 25 kilometru fis-siegħa, is-sewwieq tal-*jeep*, jiġifieri r-rikorrent, kien għaddej b'madwar 50 kilometru fis-siegħa.

7. **Carmelino Galea** fl-*affidavit* tiegħu qal li fit-22 ta' Frar, 2019, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar, kien għaddej bil-*pick-up truck* tiegħu mill-

Munxar, fid-direzzjoni tax-Xlendi, meta induna li fit-triq kienet inqalbet vettura ta' lewn aħmar. Qal li huwa mar jara jekk ix-xufier kellux bżonn xi għajnuna, u dak il-ħin innota wkoll li mal-ġenb tat-triq kien hemm vettura oħra b'żewġ turisti. Qal li bejn iż-żewġ vetturi kien hemm distanza ta' madwar għoxrin pied, u l-vettura tal-għamla Suzuki Samurai kienet maqluba fuq in-naħa tal-passiġġier, fil-parti tax-xellug tat-triq. Qal li dak il-ħin ma ra l-ebda vetturi oħra fit-triq. **Joseph Muscat (K.I. 000887G)**, persuna li wkoll inzerta għaddej mill-inħawi fejn seħħ l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa kien għaddej fuq il-mutur tiegħu fid-direzzjoni tax-Xlendi, meta induna li fit-triq kienet inqalbet vettura ta' lewn aħmar. Qal li huwa mar jara jekk il-persuni involuti fl-inċident kellhomx bżonn xi ħaġa. Qal li r-rikorrent deher muġugħ, iżda ma kienx wieġbu meta staqsieh jekk kellux bżonn xi għajnuna.

8. Ir-rikorrent Joseph Muscat, fl-*affidavit* tiegħu spjega li fil-ħin tal-inċident huwa kien tiela' mix-Xlendi minn Triq Qsajjem, u kien qiegħed isuq b'veloċità normali. Qal li huwa osserva karozza tal-kiri b'żewġ turisti fiha miexja fid-direzzjoni tal-Munxar fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, u kienu qegħdin iħarsu madwarhom, filwaqt li jsuqu bil-mod. Qal li huwa daqq il-ħorn, u dak il-ħin il-persuna li kienet qiegħda ssuq il-vettura tal-kiri nħasad u dar għal fuqu. Ir-rikorrent allega li s-sewwieq l-ieħor infixel għaliex f'pajjiżu huwa mdorri jsuq fuq il-lemin tat-triq, u konsegwenza ta' dan, huwa safa imbuttat għal fuq rampa li tagħti f'għalqa li hemm man-naħa tal-lemin tat-triq. Ir-rikorrent qal li l-vettura tiegħu spiċċat maqluba fuq ġenb fuq in-naħa tal-passiġġier, wara li tkaxkret għal diversi metri. Qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà. Kompla jgħid li sa x'ħin waslu l-pulizija u l-gwardjani lokali fuq il-post, is-sewwieq

l-ieħor laħaq mexxa ftit il-vettura tiegħu, b'tali mod li din ma baqgħetx fil-post fejn kienet waqfet fil-ħin meta seħħ l-impatt. Ir-rikorrent Joseph Muscat ippreżenta wkoll *affidavits* ta' diversi persuni li kkonfermaw li pprestawlu xi servizzi jew biegħulu xi *parts* għall-vettura tiegħu, bħala prova tad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-inċident.

9. Is-soċjetà intimata **GasanMamo Insurance Limited (C 3143)** spjegat li hija ħatret *surveyor* sabiex jeżamina l-vettura misjuqa mir-rikorrent, u dan wasal għall-konklużjoni li din il-vettura kienet *beyond economical repair,* għaliex l-ispejjeż tat-tiswija tagħha kienu jeċċedu l-valur tagħha. Qalet li s-*surveyor* stabbilixxa li l-ispiża marbuta mat-tiswija tal-vettura hija ta' madwar €2,450, u għalhekk huma dawn id-danni sofferti mir-rikorrent.

## Il-lodo arbitrali appellat

10. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Frar, 2021, it-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ddeċieda li r-rikorrent huwa unikament responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tal-istess rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet u Konklużjoni***

*IR-RESPONSABBILTÀ GĦALL-INĊIDENT*

*Illi, hemm qbil bejn is-sewwieqa fuq dawn l-elementi:*

*(i) Il-veloċità tal-vettura tal-intimata kienet waħda minima hekk kif Jan Schubert xehed li kien qiegħed isuq fuq 25km/hr liema xhieda ġiet ikkonfermata mir-rikorrent li xehed li l-imsemmi Jan Schubert kien qiegħed isuq fuq 10km/hr;*

*(ii) Il-pożizzjonijiet taż-żewġ vetturi u ċioe illi l-vettura tar-rikorrenti kienet qiegħda wara l-vettura misjuqa minn Jan Schubert u illi r-rikorrenti ddeċieda li jagħmel* overtaking *tal-vettura tiegħu fuq il-vettura ta' quddiemu u ċioe ta' Jan Schubert.*

*Illi, l-iktar evidenza oġġettiva u ċara ta' attwalment x'seħħ dakinhar tal-inċident, hija l-evidenza tat-*Traffic Accident Report, *flimkien mar-ritratti esebiti f'paġni 5/8, 6/8, 7/8 tal-imsemmi Rapport, kif ukoll ix-xhieda tar-rikorrenti u ta' Jan Schubert.*

*Illi, l-Arbitru jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrent fit-*Traffic Accident Report*, u fl-affidavit tiegħu u fil-verżjoni tax-xhieda tiegħu waqt is-seduta datata 13 ta' Jannar, 2020 huma ferm differenti, hekk kif, fil-verżjoni tiegħu fit-*Traffic Accident Report *u fl-affidavit tiegħu ma għamel l-ebda referenza illi hu pprova jaqbeż il-vettura ta' Jan Schubert permezz ta'* overtaking. *Iżda huwa kkonferma dan fix-xhieda tiegħu tat-13 ta' Jannar, 2020, fejn stqarr is-segwenti,* "Jiena daqqejt il-ħorn bil-kwiet. Peress li kelli x'nagħmel, qlajthom."

*Illi, għalhekk, jista' jiġi stabbilit min kellu d-dritta tat-triq, hekk kif ir-rikorrent u Jan Schubert it-tnejn ikkonfermaw illi l-vettura DQZ 926 misjuqa minn Jan Schubert kienet tinsab quddiem il-vettura misjuqa mir-rikorrent Joseph Muscat, u li ż-żewġ individwi kienu qegħdin isuqu fl-istess direzzjoni.*

*Għaldaqstant, hija l-vettura misjuqa minn Jan Schubert li kellha d-dritta tat-triq.*

*Illi jrid jiġi stabbilit jekk ir-rikorrent kellux dritt jagħmel* overtaking *tal-vettura DQZ 926 f'dak il-ħin u l-waqt tal-inċident stradali, u bil-mod ta' kif seħħ l-*overtaking.

*Illi mir-ritratti esebiti mat-*Traffic Accident Report*, speċifikament f'paġna 7/8 huwa ċar li t-triq kienet bid-dawrien, u li l-vetturi taż-żewġ Partijiet kienu għadhom ġejjin minn liwja fuq in-naħa tal-lemin fejn seħħ l-impatt bejn il-vetturi. Apparti minn hekk, ftit 'il quddiem mill-pożizzjonijiet tal-vetturi fir-ritratti, jidher biċ-ċar illi kien hemm liwja oħra ftit iktar 'il quddiem fuq ix-xellug.*

*Illi, apparti minn hekk, mir-ritratt esebit mis-soċjetà esponenti GasanMamo Insurance plc bħala Dok. AB4, hemm stampa ċara ta' kif tinsab it-triq fejn seħħ l-impatt, u ċioe, li hemm diversi liwjiet kif ukoll diversi partijiet tat-triq fejn l-istess triq tidjieq. Di fatti, il-mument li r-rikorrent kien qiegħed jipprova jaqbeż il-vettura tal-intimat, it-triq kienet tidjieq, kif jidher biċ-ċar mir-ritratt f'paġna 7/8 esebit mat-*Traffic Accident Report.

*Illi, skont Artikolu 181 tal-***Highway Code***, jingħad illi, "*Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others. Be specially careful at dusk and in mist, when it is more difficult to judge speed and distance."

*Illi, apparti minn hekk, Artikolu 185 tal-*Highway Code *jipprovdi* "DO NOT OVERTAKE

- **Where the road narrows;**
- **When to do so would force another vehicle to swerve** or

Reduce speed

- **When there is not enough space** and **where the visibility does not permit you to do so without danger.**
- When there is a long stream or a convoy of vehicles ahead of you or a vehicle which is itself already overtaking or if overtaking is otherwise dangerous or difficult for the time being."

*Illi, għaldaqstant, huwa ċar illi r-rikorrent ma kienx prudenti u diliġenti biżżejjed meta ħa d-deċiżjoni li jagħmel* overtaking *mal-vettura DQZ 926, hekk kif ikkawża periklu kemm għalih innifsu, hekk kif irrealizza tard wisq illi t-triq djieqet iżżejjed, kif ukoll ikkawża periklu għas-sewwieq u l-passiġġiera tal-vettura DQZ 926, hekk kif ħabat mal-vettura DQZ 926.*

*Illi, fid-dawl tas-suespost, kienet il-vettura tar-rikorrent li kkawżat l-inċident waqt li kien qiegħed fil-proċess li jagħmel* overtaking. *Il-kwistjoni kollha hija illi r-rikorrent messu kien qed isuq b'mod aktar prudenti minħabba l-liwjiet u d-djuq fit-triq, u kellu jżomm mal-karreġġjata tiegħu. B'aktar prudenza da parti tar-rikorrent, dan l-inċident kien jiġi evitat.*

***<u>DEĊIŻJONI</u>***

*Għas-suesposti konsiderazzjonijiet, l-Arbitru qed **jaqta' u jiddeċiedi** billi:*

1. ***Jiddikjara** li r-rikorrent Joseph Muscat huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali hawn fuq imsemmi, u dan minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu;*
2. ***Jiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrent;*
3. ***Jilqa'** l-eċċezzjonijiet tal-intimati.*
4. ***Jiddikjara** li l-ispejjeż ta' dan l-Arbitraġġ għandhom jitħallsu kollha mir-rikorrent."*

## <u>L-Appell</u>

12. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mil-lodo arbitrali appellat fis-26 ta' Frar, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Arbitru Av Kris Balzan LL.D ta' nhar it-Tlieta, 09 ta' Frar, 2021 Arbitraġġ numru **M5802/2019 Rikorrent: Joseph Muscat Intimati: GasanMamo Insurance Limited et, Vetturi EAD 491; DQZ 926** tiġi **revokata** bl-ispejjeż, **tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellati u **tilqa'** t-talbiet tal-appellant għall-ispejjeż tal-parts, spejjeż tax-xogħol fuq il-vettura tal-għamla Suzuki Samurai bin-numri tar-reġistrazzjoni EAD 491 u l-ispejjeż legali kollha tal-Arbitraġġ u ta' dan l-appell u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kollha kontra l-intimati appellati."*

13. L-appellant qal li huwa ħass ruħhu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex fil-fehma tiegħu it-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu billi għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni tal-*Highway Code*, partikolarment tal-artikolu 181 tal-imsemmi Kodiċi, kif ukoll għamel apprezzament żbaljat tal-fatti kif spjegati fid-deposizzjonijiet mogħtija mir-rikorrent u minn xhieda oħra. L-appellant qal li l-inċident seħħ fit-22 ta' Frar, 2019 waqt li huwa kien tiela' mix-Xlendi minn Triq Qsajjem fid-direzzjoni lejn il-Munxar bil-karozza tal-għamla Suzuki Samurai, u kien qiegħed isuq fuq in-naħa tax-xellug tat-triq waqt li kien għaddej b'veloċità 'normali'. Qal li huwa osserva karozza tal-kiri b'żewġ turisti fiha, miexja fid-direzzjoni tal-Munxar, fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, li kienu qegħdin iħarsu 'l hawn u 'l hemm waqt li jsuqu bil-mod. Qal li dak il-ħin huwa daqq il-ħorn u s-sewwieq tal-vettura l-oħra infixel u dar fuqu, bil-konsegwenza li huwa safa imbuttat għal fuq rampa li tagħti fuq għalqa li qiegħda fuq in-naħa tal-lemin tat-triq, wara li tkaxkar għal diversi metri bil-vettura tiegħu. L-appellant qal li fid-deposizzjoni tiegħu huwa għamel riferiment għall-fatt li x-xufier tal-vettura l-oħra ma ħalliex il-vettura tiegħu fil-post fejn seħħ l-impatt, iżda saq għal ftit metri fid-direzzjoni tal-Munxar. Qal li fl-*affidavit* tiegħu huwa xehed li fil-ħin tal-inċident ma kien hemm l-ebda vettura oħra fuq il-post, u ftit tal-ħin wara mill-istess inħawi għaddew vettura u mutur li s-sewwieqa tagħhom waqfu biex jagħtuh l-għajnuna.

14. L-appellant qal li skont it-Tribunal, kien hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet illi l-veloċità tas-sewwieq tal-vettura misjuqa minn Jan Schubert kienet waħda minima, hekk kif Schubert innifsu xehed li huwa kien għaddej bil-25 kilometru fis-siegħa, filwaqt li r-rikorrent ukoll ikkonferma li Jan Schubert kien għaddej b'madwar 10 kilometri fis-siegħa. L-appellant qal li t-Tribunal kkonstata wkoll li bejn il-partijiet kien hemm qbil dwar il-pożizzjoni taż-żewġ vetturi, jiġifieri li l-vettura tal-appellant kienet misjuqa wara dik tal-kiri misjuqa minn Jan Schubert, u li kien l-appellant li ddeċieda li jagħmel manuvra ta' sorpass fuq il-vettura ta' quddiemu. L-appellant qal iżda li t-Tribunal ma tax piż biżżejjed lill-*affidavit* tal-appellant, partikolarment fejn dan qal li huwa daqq il-ħorn u dak il-ħin is-sewwieq tal-vettura l-oħra infixel u dar għal fuqu. L-appellant qal li l-fehma tiegħu dan seħħ għaliex is-sewwieq tal-vettura l-oħra huwa mill-Ġermanja, u għalhekk huwa mdorri jsuq fuq in-naħa tal-lemin tat-triq, u dak il-ħin hekk kif Schubert inħassad, l-appellant safa imbuttat għal fuq rampa li tagħti għal ġo għalqa li qiegħda fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. L-appellant qal li r-responsabbilità tal-inċident kellha taqa' kollha fuq Jan Schubert, li minflok żamm man-naħa tax-xellug tat-triq, kif kellu jagħmel wara li l-appellant ġibidlu l-attenzjoni bil-ħorn tiegħu, dan infixel u kiser fuq il-lemin, bir-riżultat li imbotta lill-appellant għal fuq rampa li tagħti għal għalqa fuq il-lemin tat-triq. L-appellant qal li t-Tribunal ma semma xejn dwar din il-manuvra perikoluża li setgħet ħalliet konsegwenzi ferm koroh għall-appellant, u t-tort għal din il-manuvra ħażina kien ta' Jan Schubert. L-appellant qal li dan messu żamm fuq ix-xellug tat-triq u mhux kiser lejn il-lemin kif isir il-Ġermanja. L-appellant qal li fil-post fejn seħħ l-inċident hemm sinjal abjad maqtugħ min-nofs li mhux wieħed kontinwu, u għalhekk huwa kellu kull dritt li jagħmel il-manuvra ta' sorpass. Qal li kien

għalhekk li huwa daqq il-ħorn diversi drabi sabiex jiġbed l-attenzjoni tax-xufier li warajh kien hemm vettura li kienet ser tagħmel sorpass. L-appellant qal li t-Tribunal ma semma xejn dwar dan, u dwar il-fatt li l-linja bajda li hemm fit-triq hija maqtugħa u mhix kontinwa, kif jidher sewwa mir-ritratti esebiti. Qal ukoll li t-Tribunal lanqas ma semma xejn dwar il-fatt li Jan Schubert kiser fuq il-lemin għaliex f'pajjiżu dan imdorri jsuq fuq in-naħa tal-lemin tat-triq, u dan għaliex meta sema' l-ħorn infixel, għaliex moħħu kien fil-pajsaġġ li hemm mal-ġnub tat-triq u mhux fis-sewqan.

15. L-appellant qal li Jan Schubert meta xehed bidel il-verżjoni tiegħu tal-fatti. Qal li dan meta ta l-verżjoni tiegħu tal-fatti lill-gwardjan lokali, imkien ma semma li quddiemu kien hemm vettura oħra, u kien biss meta huwa xehed quddiem it-Tribunal li qal li kien hemm vettura oħra quddiemu. L-appellant qal li imkien ma ġie ppruvat li quddiem il-vettura misjuqa minn Jan Schubert kien hemm xi vettura oħra. Qal li dan jammonta għal kunflitt fix-xhieda ta' Schubert, li m'għandux jiġi emmnut stante nuqqas ta' konsistenza f'dak li qal.

16. L-appellant qal li Jan Schubert ta evidenza dwar dak li kien seħħ f'erba' linji biss, iżda meta xehed quddiem it-Tribunal dan ta lista sħiħa ta' ċirkostanzi oħra dwar kif seħħ l-inċident. L-appellant qal li għalkemm dan il-fatt inġieb a konjizzjoni tat-Tribunal mill-avukat difensur tiegħu, it-Tribunal għażel li ma jagħtix piż biżżejjed lil dan l-istat ta' fatt. L-appellant qal ukoll li t-Tribunal lanqas ma semma l-artikolu 183 tal-*Highway Code,* li jgħid li f'każ li x-xufier ta' wara jkun fi ħsiebu jissorpassa lix-xufier ta' quddiemu, għandu jinforma lil dan billi jdoqqlu l-ħorn.

17. Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant qal li t-Tribunal ma semma xejn lanqas dwar l-artikolu 186 tal-*Highway Code*. Qal li Jan Schubert kellu jagħti kull faċilità lill-appellant li jaqbżu fit-triq, u kellu wkoll obbligu jħalli lill-appellant jerġa' jiġi fil-linja li kien fiha, sabiex ikompli jsuq fil-karreġġjata tiegħu. Qal li dan l-artikolu tal-*Highway Code* jgħid li vettura li tkun qiegħda tiġi sorpassata m'għandhiex taċċellera jew tostakola lill-vettura li tkun qiegħda tagħmel is-sorpass. Qal li f'dan il-każ Schubert mhux talli m'ostakolax il-vettura tiegħu, talli kiser għal fuqu u kkawża l-inċident li seta' kellu konsegwenzi aktar koroh. L-appellant qal li l-artikolu 157 tal-*Highway Code* jgħid "[k]*eep well to the left ...",* u t-Tribunal lanqas ma semma xejn dwar dan. Qal li t-Tribunal m'għamel l-ebda riferiment lanqas għall-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), jew għar-regolamenti li jistipulaw li f'Malta s-sewwieqa għandhom iżommu man-naħa tax-xellug tat-triq, u mhux kif jiġri fil-pajjiż fejn jgħix Schubert, bis-sewwieqa li jżommu man-naħa tal-lemin.

**Ir-Risposta tal-Appell**

19. L-appellati fir-risposta tagħhom ressqu l-eċċezzjoni preliminari li r-rikors tal-appell ġie ppreżentat *fuori termine* għaliex il-lodo appellat ingħata fid-9 ta' Frar, 2021, imma dan l-appell tressaq sbatax-il ġurnata wara li ngħata l-lodo, u għalhekk laħqu għaddew il-ħmistax-il ġurnata stabbiliti mil-liġi għall-preżentata tal-appell.

20. In linea sussidjarja, l-appellati qalu wkoll li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, jekk tasal

għall-konklużjoni li t-Tribunal raġonevolment u legalment kellu jasal għall-konklużjoni li wasal għaliha.

21. B'riferiment għall-aggravji mressqa mill-appellant, l-appellati qalu li l-appellant irid juri li t-Tribunal tant kien żbaljat fl-apprezzament tal-provi li għamel, li dan wasal għal konklużjoni inġusta jew assurda. Qalu li dan ma sarx, u l-appell imressaq mill-appellant jammonta biss għal preżentazzjoni mill-ġdid tal-fatti kif ġraw mill-punto di vista tal-appellant. L-appellati qalu li fil-fehma tagħhom it-Tribunal wettaq l-inkarigu tiegħu bl-aħjar mod possibbli u wara li kkonsidra l-provi li kellu għad-disposizzjoni tiegħu. Qalu li kull konklużjoni fil-lodo hija spjegata fil-fond u b'raġunament ċar, anki jekk l-appellant ma qabilx mal-konklużjoni milħuqa mit-Tribunal f'dan il-każ. L-appellati qalu li kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, it-Tribunal kellu jasal għad-deċiżjoni li wasal għaliha, partikolarment meta dan ikkonsidra li l-vettura misjuqa minn Jan Schubert kienet qiegħda tinstaq quddiem dik tal-appellant, u għalhekk Schubert kellu d-dritta tat-triq. Qalu li m'hemm xejn ċensurabbli fil-prinċipji adoperati mit-Tribunal sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu, u kienu dawn il-prinċipji li kellu jistrieħ fuqhom it-Tribunal abbażi tal-provi li kellu quddiemu. L-appellati qalu li l-provi mressqa kienu ċari, li kien l-appellant li qabad u għamel il-manuvra ta' sorpass, meta irriżulta li din il-manuvra ma setgħetx issir minħabba il-konfigurazzjoni tat-triq bid-diversi liwjiet li fiha, u anki għaliex f'partijiet minnha din it-triq tidjieq.

22. L-appellati qalu li huwa totalment infondat dak li allega l-appellant, li Schubert messu żamm man-naħa tax-xellug tat-triq, u mhux kiser fuq il-lemin kif inhu mdorri jagħmel meta jkun il-Ġermanja. Qalu wkoll li jekk wieħed jixtarr

sewwa d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal, wieħed jasal għall-konklużjoni oġġettiva li l-punti li qiegħed isemmi l-appellant, m'huma xejn għajr opinjonijiet tiegħu personali u mhux fatti. Qalu li l-konsiderazzjonijiet mogħtija mit-Tribunal jitkellmu dwar l-aġir u s-sewqan taż-żewġ xufiera involuti, u li minn dawn il-konsiderazzjonijiet joħroġ ċar li t-Tribunal tassew ikkonsidra l-verżjonijiet mogħtija miż-żewġ xufiera.

23. Qalu li għalhekk kien korrett it-Tribunal meta fid-deċiżjoni tiegħu kkonkluda li mill-provi miġjuba quddiemu, jirriżulta li l-appellant ma kienx prudenti u diliġenti meta ħa d-deċiżjoni li jagħmel manuvra ta' sorpass, għaliex ikkawża perikolu għalih innifsu u għas-sewwieq u l-passiġġiera tal-vettura misjuqa minn Schubert. Qalu li dan l-inċident seħħ biss minħabba din il-manuvra azzardata u nkonsulta da parti tal-appellant, li minkejja l-fatturi kollha preżenti fil-ħin tal-inċident, xorta waħda ddeċieda li jagħmel manuvra ta' sorpass.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellati, li l-appell imressaq mill-appellant ġie ppreżentat *fuori termine.* F'dan ir-rigward, il-Qorti tirrileva li l-artikolu 70B (2) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għandu jiġi ppreżentat fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tiġi riċevuta d-deċiżjoni finali, filwaqt li l-artikolu sitta tar-Raba' Skeda tal-istess Att jistipula li d-deċiżjoni għandha titqies li tkun ġiet riċevuta mill-partijiet fid-data li d-deċiżjoni tingħata fil-miftuħ. Il-Qorti kkonsidrat li f'dan il-każ il-*lodo* arbitrali ngħata fid-9 ta' Frar, 2021, filwaqt li l-appell intavolat mill-appellant daħal fis-26 ta' Frar, 2021. Dan

ifisser li bejn il-ġurnata meta l-appellant kien meqjus li ġie notifikat bil-*lodo* arbitrali, u l-ġurnata meta ġie intavolat l-appell tiegħu, għaddew sbatax-il ġurnata. Peress li t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata skada fl-24 ta' Frar, 2021, u l-appell ġie ppreżentat jumejn wara, fis-26 ta' Frar, 2021, f'ġurnata li kienet il-Ġimgħa, l-appell ġie ppreżentat meta diġà kien skada t-terminu kkontemplat fl-artikolu 70B tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppina Caruana *vs.* Charles Psaila,** tal-21 ta' Marzu, 1997, fejn ingħad illi:

> *"Innegabilment, it-termini għall-appell minn sentenzi, kemm taħt il-liġi ritwali ordinarja, kif ukoll taħt il-liġijiet speċjali, jiddekorru għal fatt materjali tat-trapass taż-żmien. Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, m'hemmx possibilità la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interruzzjoni, jekk mhux fil-każijiet eċċezzjonalment mil-liġi previsti. Ad eżempju fejn il-ġurnata tal-iskadenza tat-terminu taħbat nhar ta' Sibt jew il-Ħadd jew xi ġurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini proċesswali ġġib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jiġu applikati provdimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutli tagħhom ma jkunx imputabbli lill-parti interessata. Dan għall-motiv illi dik l-improrogabilità hi hekk neċessarja għal raġuni ta' ċertezza u wkoll, t'uniformità. Sewwa ħafna ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħux jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula."*

Il-Qorti tirrileva li ladarba ġie stabbilit li l-appell tal-appellant iddaħħal tardivament wara li kien diġa skada t-terminu stabbilit mil-liġi, hija ma tistax tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li l-appell odjern ġie ppreżentat *fuori termine* u għalhekk mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**